MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Numru 83/15

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs.**

**Hassan Ibrahim Abdirizaq**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Hassan Ibrahim Abdirizaq**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, iben Hassan u Abdija, imwieled f'Mogadisho nhar il-05 ta' Awwissu 1993, residenti fi Gloria, Flat 2, Triq il-Punici, Hal Safi, Malta, detentur tal-Karta' tal-Identita' bin-Numru 81697(A) u numru tal-pulizija tal-Immigrazzjoni 12H-090 akkuzat talli fit-22 ta' Marzu 2015, l-Marsa, Malta, u/jew fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer:

1. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess cirkostanzi saq vettura b'numru tar-registrazzjoni DAJ 071 minghajr ma kellu licenza tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar Transport ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "EDC 2").

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "EDC 1").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu

jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, u l-fedina penali (Dok. "EDC 3") tieghu (li hija wahda kompletament nadifa).

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat Hassan Ibrahim Abdirizaq hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li fir-rigward tat-<u>tieni (2) imputazzjoni</u> tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsa u sebghin Euro (€ 75.00), fir-rigward tal-<u>ewwel (1) imputazzjoni</u> fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta′ liberta′ kundizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta′ Dok. "XYZ" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x′jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f′dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------